

Emenda 30

Pedro Marques, Nacho Sánchez Amor
f' isem il-Grupp S&D

Rapport

A9-0424/2023

Nacho Sánchez Amor

Id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fid-dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni – rapport annwali 2023 (2023/2118(INI))

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 11a (ġdid)***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

11a. Jinsab imħasseb immens bil-ksur gravi tad-dritt umanitarju internazzjonali u bid-deterjorament kostanti tas-sitwazzjoni umanitarja f'Gaza; jitlob li jintlaħaq waqfien mill-ġlied immedjat u permanenti, tintemm il-vjolenza, jitnaqqsu t-tensjonijiet u jiġi rispettati b'mod sħiħ id-dritt internazzjonali u d-dritt umanitarju internazzjonali; itenni l-kundanna qawwiya tiegħu tal-attakki terroristiċi mmexxija minn Hamas tas-7 ta' Ottubru 2023 u jerġa' jitlob il-liberazzjoni immedjata u mingħajr kundizzjonijiet tal-ostaġġi kollha; jikkundanna r-risposta militari sproporzjonata Iżraeljana li kkawżat numru ta' vittmi ċivili mingħajr preċedenti, b'mod partikolari tfal u nisa, u katastrofi umanitarja; jistieden lill-Gvern Iżraeljan ma jhux azzjoni militari f'Rafah, li tkun taggrava s-sitwazzjoni umanitarja diġà katastrofika u timpedixxi l-ġhoti ta' servizzi bażiċi u tal-assistenza umanitarja li tant hemm bżonnhom b'urġenza; jistieden lil Iżrael jinterrompi l-attakki indiskriminati kollha fuq iċ-ċivili, li jirriżultaw f'kastig kollettiv tal-popolazzjoni li tgħix f'Gaza, u jirrispetta s-sentenza vinkolanti tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja li tordna miżuri proviżorji; ifakkar li r-rispett tad-dritt internazzjonali f'Gaza u fir-reġjun

huwa ta' importanza fundamentali biex jitħares l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-kapaċità tal-UE li żżomm pożizzjoni koerenti u ta' prinċipju se tiddetermina l-kredibbiltà tagħha fil-komunità internazzjonali; ifakkar li r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi jikkostitwixxi komponent essenzjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Iżrael; jieħu nota tat-talba li għamlu żewġ Stati Membri lill-Kummissjoni biex tirrieżamina jekk Iżrael huwiex jonora l-obbligi tiegħu fl-ambitu ta' dan il-Ftehim; jistieden lill-UE tisfrutta b'mod sħiħ l-effett ta' lieva li dan il-Ftehim jagħtiha biex titlob il-waqfien immedjat tal-ksur u tal-abbużi f'Iżrael, fix-Xatt tal-Punent u f'Gaza;

Or. en